MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1240/2002/1

**Fogg Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha David Agius u l-istess David Agius**

**Vs**

**Philip Aquilina**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm316 (tlett mija u sittax-il lira Maltin) rapprezentanti danni f'incident stradali bejn il-vettura DAV 010 proprjeta' ta' l-attur David Agius u assigurata mad-ditta attrici u l-vettura KAQ 247 misjuqa

mill-konvenut liema ncident gara fis-27 ta’ Dicembru, 1999.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament il-kawza hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni t-Tribunal ikkunsidra li l-incident gara fis-27 ta’ Dicembru, 1999 u li skond l-Avviz giet ipprezentata Ittra Ufficjali kontra l-konvenut datata 12 ta’ Gunju, 2000.

L-Avviz gie pprezentat fil-15 ta’ Mejju, 2002.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni u jghaddi biex jikkunsidra t-tieni eccezzjoni.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn l-attur qal:

“He was proceeding at Marsa Ind Est Rd while all of a sudden there was a van that pulled on the left where I immediately put the horn on and tried to avoid him by pulling on my left but the collision still occurred.”

Fl-istess rapport il-konvenut qal:

“He was proceeding at Marsa Ind Est Rd to the direction of Valletta where I stopped and looked on my right were all of a sudden I heard a horn coming from my right and pulled a bit on the left where then the collision occurred.”

Sema’ x-xhieda ta’ Anthony Savona, Surveyor u Claims Clerk mas-socjeta’ attrici fejn esebixxa d-dokumenti.

Sema' x-xhieda ta' David Agius fejn qal illi huwa kien niezel mit-triq ta' fejn hemm is-Super One lejn id-direzzjoni tal-Marsa fuq il-lane ta' gewwa meta f'daqqa wahda ra l-vettura tal-konvenut gejja min-naha tal-lemin fuqu. Agius ighid li ma setax jikser fuq ix-xellug ghax kien hemm il-bankina. Kellu hsara fil-bonnet u fil-mudguard. Wara l-incident qal li l-konvenut qal li ma kienx sema' l-horn. Ighid ukoll li hallas mitt lira u l-insurance hallset id-danni l-ohra. Huwa qabel ma' l-iskizz.

Sema' x-xhieda ta' PC 830 Chris Debono.

Sema' x-xhieda ta' Philip Aquilina fejn qal li ma kienx hemm karozzi fuq ix-xellug tieghu meta waqaf fuq l-i*stop sign* u li meta saq sema' horn u li xi hadd ghamillu sinjal biex jieqaf. Qal ukoll li wara l-impatt Agius qal lil Aquilina li kien mghaggel sabiex jixtri xi pilloli minhabba li kien ser isiefer. Il-konvenut ighid ukoll li beda miexi bil-mod wara li kienu telqu z-zewg karozzi li kienu fuq il-lemin tieghu sabiex johrog minfejn kien.

**Ikkunsidra**

Illi skond l-iskizz l-attur kien fil-lane tieghu fuq l-i*stop sign*.

Illi mir-*Road Accident Report* kif stqarr il-konvenut stess huwa f'mument minnhom kiser lejn ix-xellug f'liema mument sehh l-incident.

Illi f'dan il-kaz il-konvenut kellu l-obbligu li jivverifika jekk kienx hemm karozzi warajh u fuq ix-xellug tieghu qabel ma kiser lejn ix-xellug. Illi skond il-para. 183 tal-Highway Code kif ukoll kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna d-driver ghandu jhares warajh, jaghmel sinjal u jivverifika li d-driver ta' warajh ikun intebah bis-sinjal.

Illi jidher li l-konvenut m'ghamilx dan.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-atturi, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundannah ihallas is-somma ta' Lm316 (tlett

mija u sittax-il lira Maltin) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali tat-12 ta’ Gunju, 2002.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------